



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0172/2011

20.4.2011

RAPPORT

dwar id-dimensjoni esterna tal-politika soċjali, il-promozzjoni tax-xogħol u l-istandards soċjali u r-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji Ewropej (2010/2205(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Richard Falbr

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	17
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP	22
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI	27
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	30

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar id-dimensjoni esterna tal-politika soċjali, il-promozzjoni tax-xogħol u l-istandards soċjali u r-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji Ewropej (2010/2205(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 6 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 7, 9, 145-161, 206-209 u 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 5, 12, 14, 15, 16, 21, 23, 26, 27, 28, 29, 31, 32, 33, 34 u 36 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (1948) u strumenti oħra tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (1966) u dak dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (1966), il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (1965), il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (1979), il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (1989), il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti u tal-Membri tal-familji tagħhom (1990) u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltajiet (2006)¹,
- wara li kkunsidra l-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti 'Protezzjoni, Rispett u Rimedju' għall-impriżi u d-drittijiet tal-bniedem propost mir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali għad-drittijiet tal-bniedem u kumpanniji transnazzjonali u impiżi oħrajn, il-Professor John Ruggie, approvati unanimament mill-Kunsill "Drittijiet tal-Bniedem" tan-NU fl-2008 (riżoluzzjoni 8/7), il-prinċipji gwida pubblikati dan l-aħħar għall-implimentazzjoni tal-qafas² u l-konklużjonijiet tal-Kunsill "Affarijiet Barranin" tad-9 ta' Diċembru 2009 li josservaw ir-rwol importanti tal-impiżi fl-ilħiq tar-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u jtenni l-appoġġ totali tal-Kunsill favur il-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali tan-NU³;
- wara li kkunsidra l-aħħar rapport ta' John Ruggie, ir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-kumpanniji transnazzjonali u impiżi oħrajn⁴,
- wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 5, 6 u 19 tagħha⁵,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Istatus Ġuridiku tal-Ħaddiema

¹ <http://www2.ohchr.org/english/law/>

² <http://www.business-humanrights.org/SpecialRepPortal/Home/Protect-Respect-Remedy-Framework>

³ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/EN/foraff/111819.pdf

⁴ <http://www.business-humanrights.org/SpecialRepPortal/Home/Protect-Respect-Remedy-Framework>

⁵ <http://conventions.coe.int/Treaty/en/Treaties/Html/163.htm>

Migranti¹,

- wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, partikolarment it-tmien konvenzjonijiet fundamentali dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv (Konvenzjonijiet nri 87 u 98), dwar l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' xogħol furzat u obligatorju (Konvenzjonijiet nri 29 u 105), dwar l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjieg u tal-okkupazzjoni (Konvenzjonijiet nri 100 u 111) u dwar l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal (Konvenzjonijiet nri 138 u 182)²,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ILO dwar Klawżoli tax-Xogħol (Appalti Pubbliċi) (Konvenzjoni nru 94) u dwar Negozjar Kollettiv (Konvenzjoni nru 154)³,
- wara li kkunsidra l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti u l-Patt Globali għall-Impjiegi tal-ILO, adottati b'kunsens dinji fid-19 ta' Ġunju 2009 waqt il-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol⁴,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta adottata bil-kunsens tal-183 Stat Membru tal-ILO fl-10 ta' Ġunju 2008⁵,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Marrakexx li stabbilixxa l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)⁶, u d-Dikjarazzjoni adottata waqt ir-raba' konferenza ministerjali li saret f'Novembru 2001 f'Doha, b'mod partikolari l-Paragrafu 31⁷,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, partikolarment l-Artikolu 1(2)(d) tiegħu, l-hekk imsejjaħ MODE4⁸,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni Dinjija dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Globalizzazzjoni bit-titolu 'Globalizzazzjoni ġusta: Noħolqu l-Opportunitajiet għal Kulħadd'⁹,
- wara li kkunsidra d-"dikjarazzjoni tal-Mexxejja" tas-samit tal-G20 li sar f'Pittsburgh fl-24 u l-25 ta' Settembru 2009¹⁰,
- wara li kkunsidra l-aħħar aġġornamenti tal-Linji gwida tal-OECD għall-Impriżi Multinazzjonali¹¹,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-

¹ http://www.coe.int/t/dg3/migration/documentation/Default_conv_en.asp

² <http://www.ilo.org/ilolex/english/convdisp1.htm>

³ ibid.

⁴ <http://www.ilo.org/jobspact/about/lang--en/index.htm>

⁵ http://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/@dgreports/@cabinet/documents/publication/wcms_099766.pdf

⁶ http://www.wto.org/english/docs_e/legal_e/04-wto.pdf

⁷ http://www.wto.org/english/thewto_e/minist_e/min01_e/mindecl_e.htm

⁸ WTO: GATS, Artikolu 1(2)(d) = MODE 4.

⁹ Ġinevra, ILO 2004. <http://www.ilo.org/fairglobalization/report/lang--en/index.htm>

¹⁰ <http://www.pittsburghsummit.gov/mediacenter/129639.htm>

¹¹ http://www.oecd.org/document/33/0,3746,en_2649_34889_44086753_1_1_1_1,00.html

Globalizzazzjoni¹ kif ukoll ir-Regolament li jemenda 546/2009,

- wara li kkunsidra d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi² (PWD),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Settembru 1996 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-inklużjoni tar-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem fi ftehimiet bejn il-Komunità u pajjiżi terzi (COM(1995)0216)³ u r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2006 dwar il-klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-ftehimiet tal-Unjoni Ewropea⁴,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2001 dwar it-trasparenza u d-demokrazija fil-kummerċ internazzjonali⁵ li appellat lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ biex tirrispetta l-istandards soċjali fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), u lill-UE biex taċċetta d-deċiżjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, inklużi sanzjonijiet b'konnessjoni ma' ksur gravi tal-istandards soċjali fundamentali;
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2007 dwar il-promozzjoni ta' xogħol deċenti għal kulhadd⁶, li titlob il-promozzjoni ta' xogħol deċenti permezz tal-inklużjoni ta' standards soċjali fit-ftehimiet kummerċjali tal-UE, b'mod partikolari l-ftehimiet bilaterali,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2005 dwar id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni⁷,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2005 dwar l-isfruttament tat-tfal fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, b'enfasi speċjali fuq it-tħaddim tat-tfal⁸,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2006 dwar il-kummerċ ġust u żvilupp⁹,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2007 dwar 'L-Ewropa Globali: l-aspetti esterni tal-kompetittività'¹⁰ bħala risposta għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu "L-Ewropa Globali: Kompetizzjoni Dinjija. Kontribut lill-Istrateġija tal-UE għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjieg" (COM(2006)0567),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu tat-30 ta' Mejju 2002 dwar il-Green Paper tal-

¹ ĠU L 48, 22.2.2008, p.82.

² ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.

³ ĠU C 320, 28.10.1996, p. 261.

⁴ ĠU C 290E, 29.11.2006, p. 107.

⁵ ĠU C 112E, 9.5.2002, p. 326.

⁶ ĠU C 102E, 24.4.2008, p.321.

⁷ ĠU C 280E, 18.11.2006, p. 65.

⁸ ĠU C 157E, 6.7.2006, p.84.

⁹ ĠU C 303E, 13.12.2006, p. 865.

¹⁰ ĠU C 102E, 24.4.2008, p. 128.

Kummissjoni dwar il-promozzjoni ta' qafas Ewropew għar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji¹ u tal-14 ta' April 1999 dwar standards tal-UE applikabbli għall-impriżi Ewropej li joperaw fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw: lejn Kodiċi ta' Kondotta Ewropew²,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2007 dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-intrapriżi: sħubija ġdida³,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali⁴,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-ftehimiet ta' sħubija ekonomika mar-reġjuni u l-pajjiżi AKP, u b'mod partikolari dawk tas-26 ta' Settembru 2002⁵, tat-23 ta' Mejju 2007⁶ u tat-12 ta' Diċembru 2007⁷,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-14 ta' Ġunju 2010 dwar it-tħaddim tat-tfal⁸,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-16 ta' Settembru 2010 dwar 'Dinja li qed tinbidel: sfida għall-Ewropa'⁹,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Globalizzazzjoni - il-kontribut ta' politika tal-UE biex igawdi kulħadd (COM(2004)0383),
- wara li kkunsidra l-Aġenda Soċjali Ewropea Mġedda tat-2 ta' Lulju 2008 (COM(2008)0412),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu 'Promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd - Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-aġenda tax-xogħol deċenti għal kulħadd' (COM(2006)0249),
- wara li kkunsidra l-konsultazzjoni pubblika dwar l-iżvelar ta' informazzjoni mhux finanzjarja minn kumpanniji mnedija mid-DĠ Suq Intern u Servizzi, Unità għar-Rapportar Finanzjarju¹⁰,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu 'Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija: Il-Politika tal-Kummerċ bħala element prinċipali mill-Istrateġija tal-UE 2020' (COM(2010)0612),
- wara li kkunsidra s-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi (SPĠ), fis-seħħ mill-

¹ C 187E, 7.8.2003, p. 180.

² C 104, 14.4.1999, p.176.

³ ĠU C 301 E, 13.12.2007, p. 45.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2010)0446.

⁵ ĠU C 273E, 14.11.2003, p. 305.

⁶ ĠU C 102E, 24.4.2008, p. 301.

⁷ ĠU C 323E, 18.12.2008, p. 361.

⁸ Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14.6.2010 dwar it-tħaddim tat-tfal, 10937/1/10.

⁹ Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16.9.2010, EUCO 21/1/10 rev 1.

¹⁰ http://ec.europa.eu/internal_market/consultations/2010/non-financial_reporting_en.htm

- 1 ta' Jannar 2009, li tagħti aċċess bla dazju jew bit-tnaqqis tat-tariffi għal numru ikbar ta' prodotti u tinkludi wkoll inċentiv ġdid għall-pajjiżi vulnerabbli ffaċċjati minn bżonnijiet speċifiċi ta' kummerċ, finanzi jew żvilupp¹,
- wara li kkunsidra l-ftehimiet kollha bejn l-Unjoni Ewropea u Stati li mhumiex membri,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), min-naħa l-waħda, u l-Unjoni Ewropea, minn naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, u r-reviżjonijiet tiegħu fl-2005 u l-2010²,
 - wara li kkunsidra partikolarment il-konklużjoni tan-negożjati bejn l-UE, il-Kolombja u l-Perù meta kien iffirmit il-Ftehim Kummerċjali bejn Bosta Partijiet³,
 - wara li kkunsidra s-smiġħ dwar 'L-applikazzjoni ta' standards soċjali u ambjentali fin-negożjati fil-qasam kummerċjali' li l-Parlament organizza fl-14 ta' Jannar 2010,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0172/2011),
- A. billi l-istandards għoljin tal-UE għall-protezzjoni soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem jikkostitwixxu rekwiżiti deċiżivi għall-Unjoni Ewropea hija u tinnegozja dwar relazzjonijiet kummerċjali ma' Stati li mhumiex membri,
- B. billi l-protezzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali tikkostitwixxi obbligu għall-Istati Membri kollha kif ukoll għall-Istati kollha l-oħra li ġej mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, u billi dan jinkludi d-dritt għal kulħadd li jiffirma u jissieħeb fi trade unions għall-ħarsien tal-interessi tiegħu,
- C. billi l-konvenzjonijiet ILO ewlenin huma rikonoxxuti fuq livell internazzjonali bħala bażi għal kummerċ internazzjonali ġust u billi, sfortunatament, mhux l-Istati Membri kollha jirrispettawhom totalment,
- D. billi huwa fl-interess tal-Unjoni li tikkonkludi ftehimiet kummerċjali bilaterali vantaġġjużi għall-Unjoni u għas-šhab kummerċjali sakemm iż-żewġ naħat jirrispettaw id-drittijiet stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- E. billi l-atteġġjament tal-Istati Membri kollha għandu jirrifletti b'mod ċar il-prinċipji tal-mudell soċjali Ewropew meta huma involuti kwistjonijiet soċjali u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri bbażata fuq l-metodu miftuħ ta' koordinament,
- F. billi d-demokrazija u l-istat tad-dritt jeħtieġu trade unions, għaqdiet tal-ħaddiema u movimenti soċjali b'saħħithom u ħielsa, u billi dawn jistgħu jeżistu biss f'komunità demokratika li fiha tipprevali s-separazzjoni tal-poteri,

¹ ĠU L211, 6.8.2008.

² http://ec.europa.eu/development/icenter/repository/second_revision_cotonou_agreement_20100311.pdf

³ <http://trade.ec.europa.eu/doclib/press/index.cfm?id=691>

- G. billi wħud mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jaffermaw li jħossuħom taħt pressjoni biex jirrinunzjaw għall-vantaġġ relattiv meta l-Unjoni titlob ir-rispett tal-istandards internazzjonali fil-qasam tax-xoġħol,
- H. billi d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta tal-2008, adottata bil-kunsens tal-183 Stat Membru tal-ILO li l-ksur tal-prinċipji fundamentali u d-drittijiet fil-post tax-xoġħol ma jistax jiġi invokat jew użat b'mod ieħor bħala vantaġġ leġittimu komparattiv u li l-istandards tax-xoġħol ma għandhomx jintużaw għal skopijiet kummerċjali protezzjonistiċi,
- I. billi xi pajjiżi li mhumiex membri jippruvaw jinfurzaw MODE4¹ meta jinnegozjaw ftehimiet kummerċjali mal-UE,
- J. billi bosta impriżi jitgħabbew bir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji u jippruvaw jiggarrantixxu konformità ma' standards soċjali u ambjentali fi ħdan l-isfera ta' influwenza tagħhom, pereżempju billi jaċċedu għall-Patt Global tan-NU jew jipparteċipaw f'inizjattivi industrijali volontarji,
- K. billi l-prinċipji li jiddefinixxu r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji, li huma totalment rikonoxxuti fil-livell internazzjonali, kemm fi ħdan l-OECD kif ukoll l-ILO u n-Nazzjonijiet Uniti, jikkonċernaw l-imġiba responsabbli mistennija mill-impriżi, u l-ewwel u qabel kollox jimplika r-rispett tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ, partikolarment fil-qasam tal-impjiegi, tar-relazzjonijiet tax-xoġħol, tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ambjent, tal-interessi tal-konsumatur u tat-trasparenza fir-rigward tagħhom u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
- L. billi l-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji u li tinkoraġizzxi r-rispett tagħha għandha ssir realtà fuq livell tal-UE,
- M. billi l-globalizzazzjoni tiffaċilita l-mobilità tal-ħaddiema bejn Stati Membri u lejn pajjiżi li mhumiex membri,
- N. billi f'dawn l-aħħar snin ir-rwol tal-ILO fl-iffissar ta' standards ġodda ddgħajjef konsiderevolment u normalment tbaxxa għas-sempliċi adozzjoni ta' dikjarazzjonijiet li sussegwentement ma jiġux rispettati, minkejja l-involvement tal-ILO fil-G20, ir-rikonoxximent dinji tal-Aġenda tax-Xoġħol Deċenti u l-inklużjoni tal-impjiegi u tax-xoġħol deċenti fl-Għan ta' Żvilupp tal-Millennju nru 1,
- O. billi għandu jitfakkar ir-rispett inkondizzjonat għad-dritt ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv effettiv,
- P. billi jkun xieraq li tiġi promossa l-Aġenda tax-Xoġħol Deċenti,
- Q. billi huwa estremament importanti li tiġi evitata kull xorta ta' diskriminazzjoni f'termini ta' paga, skont il-prinċipju tad-dritt għall-istess paga għall-istess xoġħol affermat fl-Artikolu 23 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- R. billi l-evalwazzjoni intermedja tas-sistema ta' preferenzi ġeneralizzati tal-UE (SPĠ)² turi li

¹ WTO: GATS, Artikolu 1(2)(d) = MODE 4.

² http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2010/may/tradoc_146196.pdf

r-reġim kummerċjali tal-SPĠ+, li teħtieġ li l-pajjiżi benefiċjarji jirratifikaw u jimplimentaw b'mod effikaċi konvenzjonijiet internazzjonali speċifiċi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, standards tax-xogħol fundamentali, żvilupp sostenibbli u governanza tajba, kellu effett konsiderevolment pożittiv fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi f'dawn il-pajjiżi;

- S. billi l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema għandha tkun promossa,
- T. billi r-ratifika u l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet ILO, ikklassifikati mill-ILO bħala aġġornati, għandhom ikunu promossi bil-għan li tinkiseb żieda progressiva fil-kopertura tal-erba' pilastru tax-xogħol deċenti li huma impjiegi, protezzjoni soċjali, djalogu soċjali, drittijiet fil-post tax-xogħol, b'enfasi speċjali titqiegħed fuq il-konvenzjonijiet dwar il-governanza soċjali nru 81 u 129 dwar l-ispezzjoni tax-xogħol, nru 144 dwar il-politika tal-impjiegi u nru 144 dwar il-konsultazzjonijiet tripartitiċi;
- U. billi l-Aġenda Soċjali Mġedda tat-2 ta' Lulju 2008 (COM(2008)0412) stiednet lill-Istati Membri jagħmlu sforzi mġedda biex jirratifikaw u japplikaw il-konvenzjonijiet ILO kklassifikati mill-ILO bħala aġġornati, bil-għan li jingħata eżempju lis-sħab tad-dinja;
- V. billi l-applikazzjoni effikaċi tal-istandards internazzjonali fil-qasam tax-xogħol qiegħda tintlaqat negattivament f'bosta pajjiżi minn amministrazzjonijiet tax-xogħol dgħajfin u nuqqas ta' kapaċità tal-imsieħba soċjali,
- W. billi t-Tendenzi Dinjija fil-qasam tal-Impjiegi tal-2011 tal-ILO stmaw li, fl-2009, fuq livell dinji, 50.1 % tal-ħaddiema kollha, jiġifieri 1.53 biljun, kienu jinsabu f'impjieg vulnerabbli¹ u billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika waqfet u invertiet it-tnaqqis fl-impjiegi vulnerabbli kif irreġistrat qabel l-2008,
- X. billi r-Rapport Dinji dwar is-Sigurtà Soċjali tal-ILO tal-2010 jafferma li 'l fuq minn 50 % tal-ħaddiema kollha ma jiddisponu minn l-ebda protezzjoni soċjali u billi hemm interess imġedded fl-estensjoni tal-kopertura tal-protezzjoni soċjali inkluża l-promozzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali,

Prinċipji ġenerali

1. Ifakkar li l-għan tal-UE huwa li ssir l-entità mexxejja fuq livell dinji f'dik li hija politika soċjali permezz tal-promozzjoni ta' objettivi soċjali fuq skala globali; jenfasizza l-importanza tar-rwol li jiżvolġi l-Parlament Ewropew li joriġina mit-Trattat ta' Lisbona, li jsaħħaħ konsiderevolment l-influenza tiegħu;
2. Ifakkar li meta l-Komunità ssegwi l-politiki u l-objettivi Komunitarji, għandhom jitqiesu l-klawżola orizzontali tal-Artikolu 9 TFUE, pereżempju fir-rigward tal-Artikolu 46, l-Artikolu 49 TFUE jew il-politika kummerċjali tal-UE, l-Unjoni ma tistax tinjora r-rekwiżiti ta' interess ġenerali;²

¹ Impjiegi vulnerabbli: is-somma tal-ħaddiema li jaħdmu għalihom waħedhom u ħaddiema tal-familja li ma jitħallsux. L-indikatur tal-impjiegi vulnerabbli huwa wieħed mill-indikaturi tal-impjiegi uffiċjali tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju taħt l-Għan nru 1: Qerda tal-faqar u l-ġuħ estremi

² Opinjoni tas-Servizz Legali tal-PE dwar l-Ambitu tal-Artikolu 9 TFUE (klawżola soċjali orizzontali) mitluba

3. Ifakkar ukoll li l-Artikolu 7 TFUE jeħtieġ li l-politiki tal-UE jkunu koerenti u li l-leġislatur iqis l-objettivi kollha tal-UE u jaġixxi skont il-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi, li jfisser li jsib bilanċ adegwat bejn id-diversi objettivi u/jew interessi huwa u jadotta att b'bażi ġuridika speċifika¹;
4. Ihegġegħ lill-Istati Membri jirrispettaw il-konvenzjonijiet ILO ewlenin, speċjalment fir-rigward tal-abolizzjoni ta' ostakli għal-libertà ta' assoċjazzjoni u negozjar kollettiv, maħluqin permezz tal-inkoraġġiment ta' impjeg indipendenti fittizju jew billi jgħieghlu lill-individwi jirrinunzjaw għall-ftehimiet kollettivi;
5. Jistieden lill-partijiet tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles jimpenjaw ruħhom, skont l-obbligi li joħorġu mill-adeżjoni mal-ILO u d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u s-Segwitu tagħha, adottati mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fis-86 Sessjoni tagħha fl-1998, li jirrispettaw, jipromwovu u jwettqu, fil-liġijiet u l-prattiki tagħhom, il-prinċipji li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali, jiġifieri:
 - (a) il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effikaċi tad-dritt ta' negozjar kollettiv;
 - (b) l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' xogħol furzat jew obbligatorju;
 - (c) l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal; kif ukoll
 - (d) l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjegi u dik professjonali;

Kooperazzjoni internazzjonali - alleanza soċjali

6. Ifakkar li l-UE titqies, fuq livell dinji, bħala kalamita u msieħba attrattiva minħabba l-għaqda unika ta' dinamiżmu ekonomiku ma' mudell soċjali;
7. Jenfasizza li l-mudell soċjali Ewropew joffri opportunitajiet ugwali fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fis-suq tax-xogħol kif ukoll aċċess ugwali għas-servizzi soċjali bħala pilastru ewlenin ta' suċċess ekonomiku;
8. Iqis li nuqqas ta' konformità mal-istandards soċjali bażiċi internazzjonali jikkostitwixxi forma ta' dumping soċjali u ambjentali askaptu tal-impriżi u l-ħaddiema Ewropej;
9. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw mal-organizzazzjonijiet internazzjonali għat-titjib tad-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni li bħala riferiment ikollha l-mudell soċjali Ewropew.
10. Jenfasizza l-importanza ta' azzjoni koerenti li tirrigwarda l-protezzjoni soċjali ġewwa u barra l-Unjoni;
11. Jissuġġerixxi l-iżvilupp ta' dialogu mal-partijiet interessati kollha li jisħaq fuq l-importanza ta' kwistjonijiet soċjali u li jikkonċentra fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' soluzzjonijiet pragmatiċi u sostenibbli; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza li l-imsieħba soċjali jsiru jafu iktar dwar id-drittijiet u bl-obbligi tagħhom;
12. Iqis bħala neċessarju li jissaħħaħ ir-rwol tal-istituzzjonijiet internazzjonali rilevanti (partikolarment l-ILO, id-WTO, l-OECD u n-Nazzjonijiet Uniti) u titfittex il-

mill-president tal-Kumitat EMPL (SJ-00004/10), paragrafu 15.

¹ Ibidem, paragrafu 8.

kooperazzjoni tagħhom fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-promozzjoni ta' standards soċjali bażiċi internazzjonali u s-sanzjonijiet korrispondenti;

13. Jistqarr li huwa favur li l-Unjoni tastjeni milli tikkonkludi ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi li ma jħarsux id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards ewlenin tax-xogħol;
14. Isostni l-ħolqien ta' strumenti għal djalogu sostenibbli mal-pajjiżi sħab ibbażat fuq ir-rispett reċiproku, jimmira għall-iżvilupp tar-riżorsi proprji tal-pajjiżi sħab – speċjalment tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw – u li jippermettilhom jiżviluppaw setturi ekonomiċi b'attenzjoni;
15. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tadatta, fin-negozjati, il-livell tar-rekwiżiti tagħha għal-livell ta' żvilupp ta' kull pajjiż sieħeb; jipproponi f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni tfassal lista ta' standards addizzjonali li għandha tiġi introdotta b'mod gradwali u flessibbli, filwaqt li tqis is-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali tas-sħab ikkonċernati;
16. Jikkunsidra li, kemm fit-territorju tal-pajjiż sieħeb kif ukoll fl-Istati Membri, l-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards bażiċi għandha tkun sottoposta għal monitoraġġ kontinwu minn korpi indipendenti u li n-nuqqas ta' infurzar jew il-ksur tagħhom, stabbiliti skont kriterji definiti minn qabel, għandhom jiġu sanzjonati permezz ta' proċeduri effikaċi u trasparenti;
17. Iqis li dawn l-istandards għandhom jiġu applikati bis-sħiħ u li la arranġamenti taż-żoni ħielsa u lanqas dawk tal-pajjiż ospitanti ma jistgħu jintużaw biex wieħed jaħrab minnhom;
18. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw mal-pajjiżi sħab bil-għan li jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u l-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa kif ukoll li l-ugwaljanza bejn is-sessi ssir realtà fi ħdan l-Unjoni u barra minnha skont il-prinċipji tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Pekin; jistieden, f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplementaw miżuri li se jikkonsolidaw b'mod sinifikanti l-pożizzjoni ġuridika u soċjali tan-nisa sabiex jisfruttaw il-kontribut potenzjali tagħhom għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali;
19. Jilqa' l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-pajjiżi u t-territorji li qed jiżviluppaw permezz tal-ftehimiet kummerċjali SPG attwali u futuri; jitlob li r-ratifika u l-implimentazzjoni effikaċi ta' konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għandhom ikunu prerekwiżiti fil-ftehimiet kollha ta' kummerċ estern u ta' sħubija ekonomika;
20. Jistieden barra minn hekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw ma' xulxin u mal-pajjiżi sħab bil-għan li jiproteġu l-gruppi vulnerabbli u jiġġieldu mhux biss kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru użda wkoll id-diskriminazzjoni abbażi ta' oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentament sesswali; jiġbed attenzjoni partikolari fuq il-persuni li jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni multipli u żvantaġġi bil-ggħan li jinsab tarf tal-kawżi primarji tal-faqar;
21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex fil-ftehimiet kummerċjali, id-djalogi ma' pajjiżi oħra u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp jagħtu prijorità lill-querda tat-tħaddim tat-tfal u lir-rispett tad-drittijiet tat-tfal, u jinnota li s-settur privat għandu rwol ewlieni

x'jiżvolġi fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tat-tfal; huwa tal-fehma li l-miżuri għall-għlieda kontra t-tħaddim tat-tfal għandhom jinkludu l-ħolqien ta' impjiegi deċenti għall-adulti filwaqt li jħallu lit-tfal ikollhom edukazzjoni xierqa; jitlob barra minn li titwaqqaf linja telefonika tal-UE bla ħlas għat-tħaddim tat-tfal fejn iċ-ċittadini jkunu jistgħu jirrapportaw lill-kumpanniji kollha li jagħmlu jużu mit-tħaddim tat-tfal fi kwalunkwe post fid-dinja; idis li din il-linja telefonika bla ħlas għandu jkollha kapaċità ta' riċerka żgħira iżda suffiċjenti li tippermetti li jiġi pubblikat rapport annwali dwar ir-riżultati tagħha;

22. Jenfasizza li n-nefqa tal-Unjoni fil-kuntest tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew ta' stabbiltà u tal-ftehimiet kummerċjali toffri opportunitajiet uniċi biex il-pajjiżi sħab jiġu assistiti fl-istabbiliment ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni, tat-taħriġ vokazzjonali u tas-suq tax-xogħol vijabbli u bażi ta' protezzjoni soċjali għal sigurtà soċjali u ekonomika akbar u, b'konsegwenza, aktar benesseri;
23. Jinsisti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri, fil-kuntest tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-għajjuna esterna, jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi ta' xogħol deċenti, li jirriflettu l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet nazzjonali rigward il-politika soċjali u tal-impjieg, u abbażi ta' ftehim tripartitiku (min iħaddem, ħaddiema, gvernijiet); jitlob ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw aħjar l-oġettivi soċjali u tal-impjiegi fis-setturi ekonomiċi u kummerċjali fl-ambitu tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-għajjuna esterna;
24. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw mal-pajjiżi sħab biex tittejjeb il-kwalità tal-kapaċitajiet taċ-ċittadini, kapaċitajiet li jkunu rilevanti għal xogħlijiet u impjiegi ġodda, bħala katalizzatur għall-istabbiltà, il-prosperità, is-soċjetajiet inklużivi u l-governanza tajba, speċjalment fil-viċinat tal-UE;
25. Jappella għall-ħolqien ta' attachés fil-qasam ta' kwistjonijiet soċjali fis-Servizz għall-Azzjoni Esterna l-ġdid, bil-għan li tiżdied l-effiċjenza tiegħu fl-ambitu tal-politika soċjali u, partikolarment, biex jiggarantixxi li l-oġettiv ta' xogħol deċenti għal kulħadd jiġi implimentat bħala oġettiv politiku fundamentali;
26. Jirrikonoxxi li, minkejja x-xejra internazzjonali tal-ftehimiet kummerċjali bilaterali miexja ftit ftit lejn aċċettazzjoni ikbar tax-xogħol u ta' standards soċjali marbuta mal-aġendi kummerċjali, il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles ġeneralment għad fihom ftit referenzi għal standards soċjali; jiddispjaċih li l-UE ma għandhiex formola omoġenja għall-"klawżola soċjali" biex tiddaħħal fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali kollha; iħeġġeġ lill-UE tinkorpora klawżola soċjali fil-ftehimiet kollha ta' kummerċ estern tal-UE f'konformità mal-istandards l-oħra rikonnoxxuti u maqbula fuq livell internazzjonali (jiġifieri standards tax-xogħol ewlenin tal-ILO), inklużi dawk li jaqgħu fl-ambitu tad-WTO;
27. Ifakkar li l-prattiki attwali tad-WTO jridu jitwettqu b'tali mod li jkunu ta' benefiċċju ndaq kemm għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll għall-pajjiżi żviluppati;
28. Ifakkar li l-politika tal-kompetizzjoni u l-politika soċjali għandhom jiġu kombinati u jenfasizza li l-mudell soċjali Ewropew, fl-ebda ċirkostanzi, ma għandu jiddgħajjef favur tal-kompetittività u l-preżunti vantaġġi ekonomiċi; itenni li l-mudell soċjali Ewropew jeħtieġ ikun eżempju għall-protezzjoni tal-ħaddiema fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji

29. Ifakkar li l-UE tat lilha nnifisha l-objettiv li ssir kolonna ta' eċċellenza dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji imma wkoll li tippromwovi r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji fil-politiki esterni tagħha; jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-aħjar Prattiki tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji fost il-kumpanniji Ewropej li joperaw barra, iżda jissottolinja li għandha tqis l-importanza ta' ċertifikati u tikketti li juru l-konformità tal-impriżi mal-prinċipji tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji;
30. Huwa tal-fehma li r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji tirrappreżenta forma ta' impenn utli u mhux vinkolanti min-naħa tal-kumpanniji multinazzjonali; jirrakkomanda, barra minn hekk, promozzjoni mmirata tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji permezz, fost affarijiet oħra, tal-Istandard ISO 26000, l-Inizjattiva "Global Compact" tan-NU jew il-Linji gwida tal-OECD għall-Impriżi Multinazzjonali u billi r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji tintrabat ma' inizjattivi usa' li jippromwovu x-xogħol deċenti f'settur, f'komunitajiet, f'livell reġjonali u tal-pajjiżi bħall-programmi 'Better Work' u 'SCORE' tal-ILO li jinvolvu lill-ħaddiema, min iħaddem, l-awtoritajiet u lil partijiet interessati rilevanti oħra;
31. Jisħaq fuq il-fatt li ma għandha tiġi adottata l-ebda direttiva li tirregola r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji u li tinforza r-rispett lejha;
32. Jemmen li il-Kummissjoni għandha, fil-komunikazzjoni futura tagħha dwar l-internazzjonalizzazzjoni tal-attivitajiet tal-SMEs, tipproponi miżuri li jgħinu biex isostnu u jippromwovu l-inizjattivi tal-SMEs fil-qasam tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji li jirrispettaw il-prinċipju ta' 'l-ewwel aħseb żgħir' u jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom;
33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippruvaw jiżguraw it-tisħiħ tal-Linji gwida tal-OECD dwar l-Impriżi Multinazzjonali fil-verżjoni attwali tagħhom, filwaqt li tinżamm u titjeb l-applikazzjoni tagħhom għal 'ċirkostanzi speċifiċi' u tiddaħħal l-aħjar prassi għall-'Punti ta' Kuntatt Nazzjonali' (NCPs) inkluż rieżami ta' kif l-Unjoni Ewropea tista' tassumi aħjar l-obbligi tagħha rigward l-NCPs permezz tad-delegazzjonijiet tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna;
34. Jindika li r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji għandha tindirizza oqsma ġodda bħall-organizzazzjoni tax-xogħol, l-oportunitajiet indaqs u l-inklużjoni soċjali, il-miżuri kontra d-diskriminazzjoni, l-iżvilupp tal-edukazzjoni tul il-ħajja u t-taħriġ; jenfasizza li r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji għandha tkopri, pereżempju, il-kwalità tax-xogħol, l-ugwaljanza tal-pagi u l-prospetti għall-karriera u l-promozzjoni ta' proġetti innovattivi biex tgħin fil-bidla lejn ekonomija sostenibbli;
35. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu lill-impriżi kummerċjali li jinsabu fl-UE biex jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ekonomiċi u soċjali, kif ukoll l-ambjent matul l-operazzjonijiet globali tagħhom, partikolarment dawk immexxija mis-sussidjarji tagħhom u minn entitajiet legali relatati oħra;
36. Jenfasizza li l-konformità ma' standards ambjentali stretti min-naħa tal-impriżi u mill-UE f'pajjiżi terzi għandha titqies daqstant importanti bħar-rispett għad-drittijiet tal-impjegati,

billi l-ħsara lill-ambjent kważi dejjem tipperikola s-saħħa tal-impjegati, teqred l-art agrikola, iż-żoni tas-sajd u riżorsi ekonomiċi oħra, u għalhekk iċċaħħad lil ħafna nies mill-bażi għas-sussistenza tagħhom;

37. Jenfasizza li, fid-dawl tad-daqs ta' sehemhom fil-kummerċ internazzjonali, il-kumpaniji Ewropej u s-sussidjarji u s-sottokuntratturi tagħhom jiżvolġu rwol fundamentali fil-promozzjoni u t-tixrid tal-istandards soċjali u tax-xogħol fid-dinja, u għaldaqstant għandhom jaġixxu b'konformità mal-valuri Ewropej u mal-istandards rikonoxxuti internazzjonalment; iqis li jkun tajjeb u f'loku li l-impriżi Ewropej li jmexxu l-produzzjoni tagħhom lejn pajjiżi b'obbligi soċjali anqas stretti jinżammu responsabbli, inkluż quddiem qrati Ewropej, għal kwalunkwe ħsara u esternalitajiet negattivi li jaffettwaw il-popolazzjonijiet lokali;
38. Jistieden lill-Kummissjoni ddaħħal emendi għall-proposta tagħha għal regolament dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (2010/0383(COD)) biex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jħarrku sussidjarja li tinsab f'pajjiż terz, flimkien mal-korporazzjoni possedenti Ewropea, u permezz tal-ħolqien ta' kriterji addizzjonali ta' ġurisdizzjoni;
39. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-kunsiderazzjoni tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji fil-politiki kummerċjali fil-livell multilaterali, fi ħdan il-fora internazzjonali li appoġġaw ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji, partikolarment l-OECD u l-ILO, kif ukoll fi ħdan id-WTO fil-perspettiva post-Doha;
40. Jistieden lill-Kummissjoni ddaħħal, b'mod sistematiku, kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli li jkun fih klawżola vinkolanti dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u ta' investiment li tinnegozja ma' pajjiżi terzi;
41. Jipproponi li din il-klawżola tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji għandha tkopri l-konformità mat-tmien konvenzjonijiet ewlenin u mal-erba' konvenzjonijiet prijoritarji tal-ILO u tippovdi wkoll inċentivi għall-impriżi biex jidħlu f'impenji tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji u obbligu ta' diliġenza għall-impriżi u l-gruppi tal-impriżi, jiġifieri obbligu li jieħdu miżuri proattivi biex jidentifikaw u jevitaw kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet ambjentali, korruzzjoni jew evażjoni fiskali, inklużi fis-sussidjarji u fil-katina tal-provvista tagħhom (jiġifieri fl-isfera ta' influwenza tagħhom);

Drittijiet tal-ħaddiema u kundizzjonijiet ta' xogħol

42. Jistieden lill-Istati Membri kollha jirrispettaw u jippromwovu l-istandards tax-xogħol ewlenin tal-ILO, jikkonformaw mal-ftehimiet iffirmati sal-lum fil-qasam soċjali u japplikaw fil-prattika l-prinċipji li jinsabu fihom marbuta mad-drittijiet tal-ħaddiema;
43. Jenfasizza li l-ksur ripetut tal-istandards tax-xogħol ewlenin ġie rrapportat f'diversi pajjiżi bl-istatus SPĠ-Plus, iżda li ma wassalx madankollu għas-sospensjoni tal-preferenzi; jikkunsidra li n-nuqqas tal-infurzar tal-kundizzjonalità jimmina l-ambizzjoni tal-UE li tippromwovi l-politika soċjali u l-istandards tax-xogħol ewlenin globalment u jmur kontra l-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp;
44. Jilqa' s-sistema superviżorja tal-ILO dwar l-istandards tax-xogħol internazzjonali li hija

unika fil-livell internazzjonali u li tgħin biex tiżgura li l-pajjiżi jimplimentaw il-konvenzjonijiet li jirratifikaw; jenfasizza li, fil-każ ta' problema, l-ILO għandha tassisti lill-pajjiżi permezz tad-djalogu soċjali u l-assistenza teknika;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi kooperazzjoni eqreb min-naħa tad-WTO mal-ILO, biex l-ILO tkun tista' tippreżenta rapporti tal-esperti lid-WTO matul il-kontroversji kummerċjali, sabiex jinkisbu standards tax-xogħol u integrazzjoni tax-xogħol deċenti fl-attivitatijiet tad-WTO u biex ma jiġix ipperikolat l-iżvilupp soċjali;
46. Huwa tal-opinjoni li l-politiki tal-Unjoni għandhom jikkonċentraw fuq l-individwi kif ukoll fuq l-istituzzjonali fir-rigward tal-iżvilupp tal-kapital uman u r-riformi tas-suq tax-xogħol;
47. Jesprimi tħassib dwar il-prattiki ta' xi pajjiżi li mhumiex membri li jużaw il-proċess MODE4 għall-attivitatijiet kummerċjali tagħhom; jistieden, pjuttost, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmiraw li jistrutturaw il-migrazzjoni internazzjonali b'tali mod li jevitaw l-isfruttament u l-eżodu ta' mħuħ;
48. Isostni l-inizjattivi bil-għan li jsaħħu l-iżvilupp tad-djalogu soċjali bejn is-sħab u l-kooperazzjoni fil-pajjiżi sħab kif ukoll fuq livell transnazzjonali u jitlob lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa l-programmi eżistenti, filwaqt li tiffoka fuq dawk bl-għan li jsaħħu s-setgħa istituzzjonali tal-imsieħba soċjali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki;
49. Jappoġġa l-implimentazzjoni tal-libertà ta' assoċjazzjoni għat-trade unions u d-dritt għan-negożjar kollettiv bla eċċezzjoni sabiex jinforzaw, itejbu u jiddefendu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti;
50. Ifakkar fil-linji gwida tal-UE dwar diversi kwistjonijiet fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, li jirrapreżentaw sinjal politiku qawwi tar-rwol prijoritarju għall-Unjoni; jitlob għaldaqstant lill-Kunsill jadotta linji gwida analogi abbażi tat-tmien konvenzjonijiet ILO ewlenin biex jintużaw bħala strument pragmatiku tal-UE li jgħin fl-avvanzament aħjar tal-politika soċjali esterna tal-Unjoni; itenni li r-rispett tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem għadu obbligu vinkolanti għall-kumpanniji kollha skont id-Dikjarazzjoni Universali;
51. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri għall-iżvilupp ta' approċċ proattiv biex jindirizza l-konsegwenzi soċjali tal-aġġustamenti u r-ristrutturar relatati mal-globalizzazzjoni;

Governanza ekonomika globali

52. Jilqa' l-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-G20 fil-livell tal-ministri tal-affarijiet soċjali, u jitlob lill-Kummissjoni tiegħu sehem attiv fihom; jiddispijaċih li, ġeneralment, is-segwitu fuq livell tal-UE għadu insodisfaċenti;
53. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw il-politiki soċjali, ambjentali u dawk fil-qasam tal-impjiegi, fosthom l-aspetti marbutin mal-ugwaljanza bejn is-sessi, fin-negożjati kollha dwar l-istrutturi tal-governanza ekonomika globali u d-djalogi makroekonomiċi;

54. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu governanza tajba fl-oqsma finanzjarji, fiskali u ġudizzjarji, bħala mod kif titjeb id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni;
55. Jitlob mill-Kummissjoni rakkomandazzjoni lill-Istati Membri tal-UE favur l-implimentazzjoni u r-ratifika tal-konvenzjonijiet tal-ILO kklassifikati bħala aġġornati mill-ILO, biex jitjebu d-drittijiet tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet ta' xogħol fi ħdan l-Unjoni u fil-pajjiżi sħab bil-ġħan li tinkiseb globalizzazzjoni ġusta u inklużiva permezz ta' koerenza akbar tad-dimensjoni esterna tal-politika ekonomika u soċjali tal-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni fl-istess sens tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jwettqu rieżamijiet regolari biex jeżaminaw l-implikazzjonijiet tal-politiki ekonomiċi, finanzjarji u kummerċjali;
56. Iqis li l-proliferazzjoni ta' regolaturi internazzjonali toħloq problemi urġenti rigward il-konsistenza u l-effikaċja tal-ordinament ġuridiku internazzjonali, partikolarment fir-rigward tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali u tal-ħaddiema;
57. Jipproponi li d-definizzjoni mill-ġdid tal-governanza globali għandha tinkludi integrazzjoni akbar tal-korpi regulatorji fl-ordinament ġuridiku tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll rispett akbar għall-prinċipji mħaddna mill-aġenziji speċjalizzati tagħha, partikolarment l-ILO u d-WHO;

o

o o

58. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Id-dimensjoni esterna tal-politika soċjali tinkludi l-attivitajiet u l-inizjattivi tal-UE mmirati għall-promozzjoni tal-istandards soċjali u ta' xogħol f'pajjiżi li mhumiex membri. Minkejja li l-Istrateġija ta' Lisbona, qabel, u l-istrateġija UE 2020, wara, tat lill-politika soċjali enfasi akbar minn qatt qabel, l-aspetti relatati mal-kompetittività u mal-fatturi ekonomiċi għadhom prijoritarji meta mqabbla mal-kwistjonijiet soċjali.

L-istandards ewlenin tax-xogħol jinsabu integrati fit-tmien konvenzjonijiet ILO li jirrigwardaw il-libertà ta' assoċjazzjoni u negozjar kollettiv, l-eliminazzjoni ta' xogħol furzat u obligatorju, l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjeg u tal-okkupazzjoni u l-abolizzjoni tat-tfal. Mhux biss minn dawn il-konvenzjonijiet iżda wkoll mir-rapport tal-Kummissjoni Dinjija dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Globalizzazzjoni, joħroġ' ċar il-bżonn li l-attenzjoni ristretta fuq is-swieq tinbidel f'interess usa' fin-nies, jiġifieri attenzjoni fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-prevalenza tal-liġi tax-xogħol. Biex l-UE tkun tista' tinnegozja ma' pajjiżi li mhumiex membri, dawn għandhom jirrispettaw dak kollu li ntqal hawn fuq. Din tikkostitwixxi kundizzjoni li mingħajrha n-negozjati ma' pajjiżi li mhumiex membri huma impossibbli. Il-politika kummerċjali ma tista' tinjora l-ebda nuqqas fir-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiem u għalhekk l-iżvilupp tas-soċjetà jista' jkompli biss wara li dawn in-nuqqasijiet jiġu eliminati.

Hija u tiffissa standards tax-xogħol, l-UE ssostni opportunitajiet għall-irġiel u n-nisa biex jinkiseb xogħol deċenti u produttiv f'kundizzjonijiet ta' libertà, ugwaljanza, sigurtà u dinjità. Fid-dawl tal-globalizzazzjoni attwali, l-istandards internazzjonali tax-xogħol jiffurmaw is-sisien biex jiġi garantit li t-tkabbir tal-ekonomija dinjija tkun ta' ġid għal kulħadd.

L-istandards internazzjonali tax-xogħol imisshom, qabel kollox, jiggarantixxu l-iżvilupp tal-persuni inkwantu bnedmin. Il-persuni mhumiex oġġetti bi prezz li jista' jiġi n-negozjat. Ix-xogħol huwa parti minn ħajjitna ta' kuljum u huwa kritiku għad-dinjità, il-benesseri u l-iżvilupp ta' persuna. Dawn il-valuri għandhom ikunu l-oġġettivi prinċipali tal-iżvilupp ekonomiku. L-istandards internazzjonali tax-xogħol għalhekk jintużaw biex jiggarantixxu li l-iżvilupp ekonomiku jibqa' kkonċentrat ħafna fuq it-titjib tal-ħajja u tad-dinjità tal-bniedem u mhux fuq id-determinazzjoni ta' kundizzjonijiet u drittijiet tal-ħaddiema.

Meta niġu biex nivvalutaw il-qagħda tal-pajjiżi li magħhom jagħmel sens li ninnegozjaw, għandha nibnu fuq il-politika soċjali tal-UE kif ukoll fuq garanziji inklużi fil-Karta Soċjali tal-UE.

Il-politika soċjali tal-UE lejn il-pajjiżi li mhumiex membri għandha tkun koerenti, pragmatika, magħquda u professjonali. Ir-relazzjoni mal-ILO u mad-WTO tiżvolġi rwol kruċjali f'dan l-aspett u għandha tkun iktar ekwilibrata. Paradossalment, iktar ma l-UE jkollha influwenza fuq il-konvenzjonijiet ILO, inqas jiġu ratifikati dawn il-konvenzjonijiet. Fil-każ tad-WTO, jeħtieġ li r-relazzjoni bejn in-negozjati fil-qasam kummerċjali u l-istandards soċjali jissaħħew.

Fil-bidu tas-seklu, l-UE bidlet l-istrateġija tagħha għad-dimensjoni esterna tal-politika soċjali minn approċċ iebs għal wieħed artab, jiġifieri mill-attenzjoni fuq ir-rabta bejn l-istandards soċjali u l-ftehimiet kummerċjali għall-attenzjoni pjuttost fuq il-kooperazzjoni u d-djalogu internazzjonali.

L-UE tirrikorri għal tipi differenti ta' strumenti biex timplimenta politika soċjali f'pajjiżi li mhumiex membri. Dawn huma strumenti ibsin, rotob u finanzjarji. L-użu ta' dawn l-istrumenti jikkostitwixxi prova li l-UE tistenna ċerta mgħiba mir-relazzjonijiet mas-sħab kummerċjali tagħha. Madankollu l-ostaklu hija l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti u l-infurzar tagħhom min-naħa tal-pajjiżi sħab. Għalhekk huwa kruċjali għall-UE li tikkonċentra b'aktar reqqa fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħhom; speċjalment il-konvenzjonijiet ILO u l-prinċipji tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji. Spiss huwa proprju l-ordinament ġuridiku ta' dak il-pajjiż li jxekkel dan; madankollu, rieda politika dgħajfa u pressjoni ekonomika interna għandhom x'jaqsmu wkoll. Fattur importanti ieħor huwa l-injoranza tal-ħaddiema dwar drittijietom.

L-għażla tal-istrumenti li għandhom jintużaw mill-UE biex jaffettwaw pajjiżi differenti hija influwenzata mil-lok ġeografiku ta' dawn il-pajjiżi, ir-relazzjoni tagħhom mal-UE u, fuq kollox, mill-fażi ta' negozjati dwar l-adeżjoni eventwali tagħhom mal-UE. Fattur ieħor huwa s-sitwazzjoni ekonomika tal-pajjiż u l-pożizzjoni tiegħu fil-kompetizzjoni ekonomika globali. Huwa minnu li eqreb ikun il-pajjiż mal-UE, eqreb ikunu r-relazzjonijiet ekonomiċi u politiċi li għandhom u akbar tkun l-influwenza li l-UE teżerċita fuq il-pajjiż.

L-UE qiegħda tagħmel użu dejjem akbar ta' strumenti "rotob". Dawn jikkonċentraw fuq id-djalogu u r-rakkomandazzjonijiet (responsabbiltà soċjal tal-kumpanniji, Aġenda tax-Xogħol Deċenti), u għalhekk ma għandhomx natura normattiva. Huma jippruvaw ibiddlu l-imġiba ta' pajjiż abbażi ta' analiżi tal-opinjoni tagħhom. L-istrumenti "ibsin", bħal leġiżlazzjoni u regolamenti tal-UE (konvenzjonijiet ILO fil-qasam tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, politiċi kummerċjali tad-WTO) għandhom implikazzjonijiet ġuridiċi u l-pajjiżi jafu jkunu sanzjonati għall-ksur tagħhom. Għaldaqstant ir-rikors għalihom xi kultant huwa diskutibbli. B'kuntrast ma' dan, fost l-istrumenti finanzjarji nsibu għotjiet, assistenza teknika, fondi bħall-GAF, li jagħmlu l-imġiba mixtieqa possibbli. Pereżempju l-assistenza teknika tingħata lill-pajjiżi li qegħdin f'fażi ta' tħejjija għall-adeżjoni mal-UE u hija fl-għamla ta' assistenza għall-adattament tad-dritt tagħhom mal-istandards Ewropej, eż. permezz ta' diversi tipi ta' taħriġ (ETF).

Iċ-Ċina u l-ekonomiji Asjatiċi emerġenti oħra qed isiru dejjem iktar atturi importanti fl-investimenti barranin. Madankollu dan il-fenomeno huwa assoċjat mar-riskju li dawn il-pajjiżi u l-kumpanniji tagħhom se jesportaw standards tax-xogħol aktar baxxi. Ma nistgħux inħallu lill-pajjiżi li mhumiex membri li jixtiequ jidħlu fi ftehimiet kummerċjali mal-UE ma jagħtux kas tar-regoli vinkolanti għall-UE.

L-UE għandha tkun attenta għal proċess tat-tip MODE4. Dan jippermetti lill-kumpanniji internazzjonali jagħmlu użu tal-ħaddiema tagħhom stess f'pajjiż barrani fejn topera l-kumpannija u b'hekk tillimita d-drittijiet tal-impjegati tal-pajjiż li jirċievi. Fir-realtà dan huwa promozzjoni tad-dumping soċjali li l-UE topponi bis-saħħa. Għalhekk mhuwiex possibbli li MODE4 tiġi aċċettata kif ukoll fenomeni analogi fi kwalunkwe negozjati kuntrattwali.

L-UE tgawdi minn reputazzjoni tajba f'termini ta' djalogo internazzjonali dwar kwistjonijiet soċjali. F'dan ir-rigward, hija meqjusa bħal imsieħba sensitiva u fdata. Din għandha tiġi sfruttata biex jintlaħqu objettivi aktar ambizzjużi f'fissati mill-UE. Wieħed minnhom huwa li jinbena appoċċ koerenti, integrat u professjonali tal-UE għad-dimensjoni esterna tal-politika

soċjali. Ir-rwol prinċipali huwa żvolt mill-koordinament fi ħdan il-Parlament Ewropew, iżda wkoll mal-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz għall-Azzjoni Esterna l-ġdid.

Il-pass li jmiss għandu jkun il-ħolqien ta' speċi ta' alleanza soċjali li fiha, u permezz tagħha, l-UE tkun tista' xxerred standards tax-xogħol għoljin. Iċ-Ċina hija eżempju ċar ta' pajjiż li qiegħed jikseb malajr status ta' protagonista kruċjali fl-Asja. L-importanza tagħha qiegħda tikber; madankollu, l-ambitu tal-istandards tax-xogħol għandu konnotazzjonijiet negattivi għaċ-Ċinzi. Minkejja dan, ma teżisti l-ebda raġuni għala ma għandniex nużaw ir-relazzjonijiet storikament tajba maċ-Ċina u nistabbilixxu alleanza soċjali maċ-Ċina. Għandha wkoll titjeb il-kooperazzjoni msemmija qabel mal-NGOs, bħall-ILO u d-WTO. Jeħtieġ li jittieħed approċċ ekwilibrat biex jiġi evitat li l-ILO tinħass bħala sempliċi strument tal-UE bbażat fuq rabtiet stretti bejn l-ILO u l-UE. Aktar kmieni ssemmev ir-rabtiet b'saħħithom bejn in-negożjati fil-qasam kummerċjali u l-istandards soċjali fil-kuntest tad-WTO.

Il-kumpanniji internazzjonali huma l-atturi ewlenin fl-implimentazzjoni tal-istandards soċjali. Għaldaqstant huwa vitali li jkollna definizzjoni ċara u mhux ambigwa ta' responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji li se tipprevjeni l-varjetà attwali ta' interpretazzjonijiet u li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji u mod kif l-osservanza tagħhom tiġi sorveljata.

L-ewwel u qabel kollox il-kumpanniji u l-organizzazzjonijiet jiġu stabbiliti biex jissodisfaw interess ċirkoskritt, li huwa l-ġenerazzjoni ta' profitt. Dawn huma dejjem anqas disposti jirrispettaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali u internazzjonali u l-obbligi kuntrattwali. Jagħmlu użu b'mod massimu ta' postijiet bl-aktar taxxi baxxi, bl-orħos forza tax-xogħol u b'liġijiet għall-ħarsien tal-ambjent kif ukoll bl-aktar ħaddiema vulnerabbli. Spiss il-kumpanniji multinazzjonali jiggwidaw il-gvernijiet interessati fl-attivitajiet tagħhom fuq it-territorju tagħhom. L-għadd ta' impjegi magħrufa bħala prekarji, jiġifieri instabbli u inadegwati qiegħda jikber b'ritmu kostanti.

Il-leġiżlazzjoni ma tistax tobbligahom jaqsmu awtomatikament ir-responsabbiltà lokali u reġjonali tal-kumpanniji għar-riperkussjonijiet tad-deċiżjonijiet tagħhom fuq il-partijiet interessati, speċjalment fil-post fejn joperaw, u dan minkejja l-interessi tagħhom. Dan jissarraff f'bidla radikali tas-sitwazzjoni qabel il-bidu tal-globalizzazzjoni meta l-kumpanniji li ilhom snin twal joperaw f'reġjun kellhom iġorru r-responsabbiltà għall-qagħda tar-reġjun u tal-iżvilupp tiegħu.

It-terminu "responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji" ilu jintuża mis-snin Sebgħin. Xi wħud ifissruh bħala: 'kunċett li bih il-kumpanniji jintegraw problemi soċjali u ambjentali fl-operazzjonijiet ta' negożju u fl-interazzjoni tagħhom mal-partijiet interessati fuq bażi volontarja'.

Il-kumpanniji multinazzjonali sabu li jekk jieħdu sehem fl-ispejjeż li l-Istat jirrinunzja, dan il-fatt se jsaħħaħ il-pożizzjoni tagħhom fis-soċjetà u b'hekk jiġġeneraw iktar profitt. F'xi pajjiżi, isewwu l-inġustizzji soċjali f'ambiti fejn l-Istat ma jipprovdi. Il-kumpanniji jibnu l-politika soċjalment responsabbli tagħhom fil-perjodu ta' tkabbir ekonomiku. Dan kollu mhux se jinbidel f'din il-konġuntura ekonomika anqas favorevoli?

Il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU) u t-trade unions internazzjonali

jirrifjutaw ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji jekk din tintuża jew tiġi abbużata biss għar-reklamar u għall-kummerċjalizzazzjoni tar-relazzjonijiet pubbliċi. Jaċċettaw ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji jekk din tikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli, jekk ma tevitax id-djalogu mal-impjegati jew jekk ma titqiesx bħala alternattiva għal-leġiżlazzjoni fil-qasam tax-xogħol u għan-negozjar kollettiv.

Jekk kumpannija għandha tkun pubblikament responsabbli, hija għandha tapplika standards għolja internament, u sussegwentement biss, esternament mal-partijiet interessati.

Dan ifisser li rrispett u promozzjoni ta' relazzjonijiet deċenti ta' impjegar, inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni tal-impjegati permezz ta' konsultazzjoni u informazzjoni u permezz ta' negozjar kollettiv, żvilupp tal-kapaċitajiet professjonali tagħhom u tat-tagħlim tul il-ħajja, ottemperanza mal-istandards ta' sikurezza fil-post tax-xogħol, promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, ħolqien ta' ambjent xieraq għall-imsieħba soċjali biex jipprevedu u jiġġestixxu l-bidliet li saru fis-suq tax-xogħol, fosthom ir-ristrutturar, titjib tal-kwalità tax-xogħol, integrazzjoni u ħarsien tal-gruppi ta' ħaddiema vulnerabbli, bħaż-żgħażaġh, l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà u l-immigranti.

In-nassa tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji tista' tinsab fil-fatt li għadha inizjattiva volontarja u għallhekk dak li jkun jibża' li aktarx tonqos minn objettiv, kriterji koerenti u trasparenti għall-impjegati, għall-konsumaturi u għall-partijiet interessati l-oħrajn, li abbażi tagħhom tista' titkejjel il-prestazzjoni tal-kumpannija fl-ambitu tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji.

Punt diskutibbli ieħor tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji huwa marbuta mal-biża' li dan il-kunċett isir tip ta' liġi mhux vinkolanti. Jekk il-gvernijiet jirtiraw mir-responsabbiltà tagħhom li jżommu l-mudell soċjali Ewropew, allura tinħoloq it-theddida tal-privatizzazzjoni tal-liġi tax-xogħol, tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u tas-servizzi. Il-ħarsien tagħhom ma jistax jitqies bħala inizjattiva volontarja u ġuridikament eżegwibbli bħar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji.

Jeżisti wkoll ir-riskju ta' interpretazzjoni ħażina u sostituzzjoni ta' sħubija soċjali integrata istituzzjonalment, djalogu soċjali, parteċipazzjoni tal-impjegati u d-drittijiet tat-trade unions azzjoni volontarja u mhux vinkolanti.

Il-kompetizzjoni dinjija twassal lill-kumpanniji jespandu fi swieq ġodda. Dan jeħtieġ investimenti kbar. Dan jinduċi lid-dinja finanzjarja tidħol fil-qasam u tinfluwenza l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu bil-għan li l-kumpannija tiggwadanja profitt malajr, preferibbilment mal-ewwel u spekulattiv permezz ta' tranżazzjonijiet fil-borża. B'hekk il-finanzi / l-istituzzjonijiet / l-investituri internazzjonali qed isiru qishom kontrolluri tal-attivitajiet ekonomiċi tal-impriżi. Huwa proprju s-suq finanzjarju li qiegħed isir suq tal-kontroll tal-kumpanniji.

Il-kwistjoni ħadet ħsiebha l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) li ħejjiet l-abbozz finali tal-hekk imsejjaħ ISO 26 000, li għandu jiġi ratifikat mill-Istati Membri sat-tmiem tal-2010. It-test kien elaborat mill-gvernijiet, mir-rappreżentanti tal-ħaddiema (unions), mis-settur tal-kumpanniji, mir-rappreżentanti tal-konsumaturi u tal-klijenti, mill-NGOs, mill-organizzazzjoni tas-servizzi u tar-riċerka, minn akkademiki u bosta parteċipanti oħra. Dawn l-esperti ġew minn 'il fuq minn 90 pajjiż u 40 organizzazzjoni internazzjonali jew

reġjonali. Uħud minn dawn il-parteciċipanti ppruvaw ifasslu dan it-test mhux biss fil-kunċett tekniku ħafna tal-ISO bħas-soltu.

Dan l-istandard 'jipprovdi gwida għall-utenti u la huwa intiż u lanqas adegwat għal skopijiet ta' ċertifikazzjoni. Kull offerta għal ċertifikazzjoni jew talba għal ċertifikazzjoni ISO 26 000 tkun tikkostitwixxi interpretazzjoni ħażina tal-intenzjoni u skop tat-tali standard internazzjonali'.

Għall-futur huwa neċessarju li l-PE u trade unions internazzjonali u Ewropej jingħaqdu flimkien u jittraduċu r-rakkomandazzjonijiet pożittivi u urġenti tagħhom f'inizjattiva.

23.3.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar id-dimensjoni esterna tal-politika soċjali, il-promozzjoni tax-xogħol u l-istandards soċjali u r-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpaniji Ewropej (2010/2205(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Catherine Grèze

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dawn is-suġġerimenti fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li r-rispett tal-istandards tax-xogħol ewlenin (CLS) u tal-aġenda tax-xogħol deċenti tal-ILO, kif ukoll l-Linji Gwida għall-Intrapriżi Multinazzjonali tal-OECD u l-inizjattiva "Global Compact" tan-Nazzjonijiet Uniti, jista' jkollhom għandhom impatt pożittiv fuq l-ekonomija ta' pajjiż, billi jiggarrantixxu l-istabilità soċjo-politika u billi jgħollu l-livelli tal-ħiliet tal-ħaddiema tal-pajjiż; jemma, f'dan il-kuntest, li l-inklużjoni ta' klawżola soċjali fil-ftehimiet tad-WTO hija tal-ikbar importanza għaliex l-istandards tax-xogħol huma essenzjali sabiex jinkisbu l-MDGs u jingħata spinta l-iżvilupp endoġenu fil-pajjiżi l-foqra; jinnota li d-dispożizzjonijiet soċjali tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE huma ppreżentati bħala objettivi li għandhom jinkisbu iktar milli bħala impenji legali li għandhom jiġu infurzati, minħabba li m'hemm l-ebda dispożizzjoni għal mekkaniżmi ta' infurzar ġenwini; jenfasizza, b'hekk, l-importanza tat-teħid ta' miżuri konkreti sabiex ikun żgurat li d-dispożizzjonijiet soċjali tal-ftehimiet kummerċjali preferenzjali tal-UE jinkisbu u jiġu mmonitorjati, rieżaminati u infurzati b'mod xieraq;
2. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha biex jagħmlu pressjoni fuq il-kumpaniji Ewropej fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ikollhom rwol eżemplari f'dak li jirrigwarda r-responsabilità soċjali u l-promozzjoni tax-xogħol deċenti;
3. Jenfasizza li l-ksur ripetut tal-istandards tax-xogħol ewlenin ġie rrappurtat f'diversi pajjiżi bl-istatus SPG-Plus, iżda ma wassalx għas-sospensjoni tal-preferenzi; jikkunsidra li n-nuqqas tal-infurzar tal-kundizzjonalità jimmina l-ambizzjoni tal-UE li tippromwovi l-politika soċjali u l-istandards tax-xogħol ewlenin globalment u jmur kontra l-prinċipju tal-Iżvilupp tal-Koerenza Politika;

4. Jirrikonoxxi li, minkejja x-xejra internazzjonali tal-ftehimiet kummerċjali bilaterali miexja ftit ftit lejn aċċettazzjoni ikbar tax-xogħol u ta' standards soċjali marbuta mal-aġendi kummerċjali, il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles ġeneralment għad fihom ftit referenzi għal standards soċjali; jiddispjaċih li l-UE m'għandhiex formola omoġenja għall-"klawżola soċjali" biex tiddaħħal fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali kollha; iħeġġeġ lill-UE biex tinkorpora klawżola soċjali fil-ftehimiet kollha ta' kummerċ estern tal-UE f'konformità mal-istandards rikonoxxuti u maqbula internazzjonalment l-oħra (jiġifieri standards tax-xogħol ewlenin tal-ILO), inklużi dawk li jaqgħu taħt l-ambitu tad-WTO;
5. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw l-inizjattivi mmirati lejn il-promozzjoni tal-impjiegi produttivi, l-investment fir-riżorsi umani, il-mekkaniżmi tad-distribuzzjoni mill-ġdid, il-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-djalogu soċjali u l-applikazzjoni effikaċi tad-drittijiet fuq il-post tax-xogħol;
6. Jinkoraġġixxi 'l partijiet għall-FTAs biex ikomplu jirrikonoxxu l-impjiegi produttivi għal kulħadd u x-xogħol deċenti għal kulħadd bħala elementi ewlenin għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi kollha u bħala l-oġettiv ta' prijorità tal-kooperazzjoni internazzjonali, u biex jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li huwa konduċenti mal-impjiegi produttivi għal kulħadd u x-xogħol deċenti għal kulħadd, skont id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-2006 tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU dwar l-Impjiegi għal Kulħadd u x-Xogħol Deċenti;
7. Jitlob lill-partijiet għall-ftehimiet ta' kummerċ ħieles biex jimpenjaw ruħhom, skont l-obbligazzjonijiet li joħorġu mis-sħubija tal-ILO u d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u s-Segwitu tagħha, adottati mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fis-86 Sessjoni tagħha fl-1998, li jirrispettaw, iwegħdu u jwettqu, fil-liġijiet u l-prattiki tagħhom, il-prinċipji li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali, jiġifieri:
 - (a) il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effikaċi tad-dritt ta' negozjar kollettiv;
 - (b) l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' xogħol furzat jew obligatorju;
 - (c) l-abolizzjoni effettiva tal-impjeg tat-tfal; kif ukoll
 - (d) l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u dik professjonali;
8. Jinnota li huwa f'idejn il-pajjiżi individwali u l-Istati Membri li jiffirmaw għall-konvenzjonijiet tal-ILO, jiddispjaċih għan-nuqqas ta' implimentazzjoni u infurzar tal-istandards soċjali, partikolarment il-konvenzjonijiet tal-ILO u l-prinċipji tas-CSR f'għadd ta' pajjiżi sħab tal-UE; b'hekk, iħeġġeġ lill-UE tiegħu miżuri biex tiżgura l-implimentazzjoni effikaċi tal-istandards soċjali; jenfasizza li l-ILO tippermetti l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kummerċjali fuq pajjiżi li ma jikkonformawx mal-obbligi internazzjonali tagħhom; jitlob lill-UE ssegwi approċċ ibbażat fuq inċentivi u sanzjonijiet fil-kuntest tal-ftehimiet bilaterali u reġjonali, sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet soċjali tal-ftehimiet preferenzjali tal-UE jiġu infurzati b'mod effikaċi; jenfasizza li l-SPĠ u l-SPĠ + għandhom jiġu mmonitorjati b'mod koerenti, u li l-proċess ta' monitoraġġ għandu jsir iktar trasparenti;
9. Jilqa' is-sistema superviżorja tal-ILO dwar l-istandards tal-impjiegi internazzjonali li hija unika fil-livell internazzjonali u li tgħin biex tiżgura li l-pajjiżi jimplimentaw il-konvenzjonijiet li jirratifikaw; jenfasizza li, fil-każ ta' problema, l-ILO għandha tassisti

lill-pajjiżi permezz tad-djalogu soċjali u l-assistenza teknika;

10. Jinnota li l-UE diġà impenjat ruħha li tippromwovi x-xogħol deċenti u li tiġġieled l-isfruttament notevolment fil-ftehimiet kummerċjali tagħha; iżda jinnota wkoll li l-UE ma tinfurzax il-kundizzjonalità potenzjali li tinsab f'bosta ftehimiet ta' kummerċ ħieles bilaterali u reġjonali; iħeġġeġ lill-UE, f'dan ir-rigward, biex tintegra l-politika soċjali fil-kuntest tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna sabiex jiġu żgurati r-ratifika u l-implimentazzjoni tas-CLS, filwaqt li jiġu evitati derogi minn regolamenti ġenerali, eż f'żoni ta' proċessar tal-esportazzjoni, billi dawn l-eċċezzjonijiet jinkludu r-riskju ta' "tellieqa sal-qiegħ", u b'hekk jimmina ċertu standards soċjali;
11. Jinsisti li n-negozjati kummerċjali segwiti fi ħdan id-WTO ma għandhomx jipperikolaw l-iżvilupp soċjali; jafferma mill-ġdid li l-ILO għandha titħalla tippreżenta rapporti esperti lid-WTO waqt tilwimiet kummerċjali;
12. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu governanza tajba fl-oqsma finanzjarji, tat-taxxa u ġudizzjarji, bħala mod kif titjieb id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni;
13. Jirrikonoxxi li s-CSR huwa kunċett fejn il-kumpaniji b'mod volontarju jinkorporaw it-tħassib soċjali u ambjentali fl-istrateġija tan-negozju tagħhom; jinnota li l-implimentazzjoni tal-prattiki tas-CSR jistgħu jibnu mill-ġdid il-fiduċja fin-negozju, li hija vitali għall-ekonomija tas-suq soċjali tal-Ewropa; Jinnota, madankollu, li l-eteroġeneità tal-kunċett tas-CSR, fejn kumpaniji differenti żviluppaw standards differenti rigward il-kontabilità, l-awditjar u r-rappurtaġġ soċjali, tqajjem il-kwistjoni tal-komparabilità; jirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-UE biex tapplika iktar linji gwida ġenerali għad-definizzjoni u l-użu tas-CRS; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, li d-diversità u l-eteroġeneità tal-kunċett jibqgħu xorta; iħeġġeġ lill-UE biex tiegħu azzjoni konkreta fil-fora internazzjonali biex tbiegħed lis-CSR minn approċċ purament volontarju u biex tidentifika l-obbligi legali ċari għall-kumpaniji rigward id-drittijiet tal-bniedem u s-CLS, flimkien mal-metodi effikaċi biex jinżammu responsabbli fil-każ ta' ksur; jikkunsidra pereżempju li meta l-Istati Membri jintalbu mill-kumpaniji multinazzjonali għall-garanziji ta' investment, huma għandhom jorbtu dawk il-garanziji mal-implimentazzjoni tal-linji gwida uffċjali tas-CSR;
14. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri għall-iżvilupp ta' approċċ proattiv biex jindirizza l-konsegwenzi soċjali tal-aġġustamenti u r-ristrutturar relatati mal-globalizzazzjoni;
15. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO b'mod iktar proattiv u biex twaqqaf hotline tal-UE dwar l-impjieg tat-tfal fejn iċ-ċittadini jistgħu jirrappurtaw lill-kumpaniji Ewropej li jagħmlu użu mill-impjieg tat-tfal kullimkien fid-dinja; iqis li dan il-hotline għandu jkollu kapaċità ta' riċerka żgħira imma biżżejjed sabiex ikun jista' (a) jippubblika rapport annwali dwar is-sejbiet tiegħu (b) jassisti lill-kumpaniji Ewropej fl-isforzi tagħhom biex jeliminaw l-impjieg tat-tfal mill-katina tal-provvista tagħhom;
16. Iħeġġeġ lill-UE biex tiegħu miżuri xierqa fil-livell internazzjonali biex tiġġieled kontra r-

rimi soċjali li jseħħ fil-prattiki tan-negozju ta' xi pajjiżi, kemm fl-UE kif ukoll f'pajjiżi terzi li lilhom l-UE tipprovdi l-assistenza tagħha għall-iżvilupp;

17. Jindika l-bżonn li jinstab bilanċ xieraq bejn l-istimulazzjoni tal-kompetittività tal-industrija u l-indirizzar tal-impatt tan-negozju fuq l-ambjent u s-soċjetà; jilqa' l-inizjattivi meħuda mill-Kummissjoni biex tinkludi r-Responsabilità Soċjali tal-Kumpaniji bħala parti mill-istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 16 -: 12 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Michael Cashman, Corina Crețu, Nirj Deva, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Catherine Grèze, András Gyürk, Eva Joly, Filip Kaczmarek, Franziska Keller, Miguel Angel Martínez Martínez, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Bill Newton Dunn, Maurice Ponga, Birgit Schnieber-Jastram, Alf Svensson, Eleni Theoharous, Patrice Tirolien, Ivo Vajgl, Anna Záborská, Iva Zanicchi, Gabriele Zimmer
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Proinsias De Rossa, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Santiago Fisas Ayxela, Isabella Lövin, Judith Sargentini, Jan Zahradil
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea

17.3.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar id-dimensjoni esterna tal-politika soċjali, il-promozzjoni tax-xogħol u l-istandards soċjali u r-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpaniji Ewropej (2010/2205(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Tokia Saïfi

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-UE tat lilha nnifisha l-objettiv li ssir kolonna ta' eċċellenza dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva (CSR) imma wkoll li tippromwovi s-CSR fil-politiki esterni tagħha; jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-aħjar prattiki tas-CSR fost il-kumpaniji Ewropej b'operazzjonijiet esterni, iżda jissottolinea li għandha tqis l-importanza ta' ċertifikati u tikketti li juru l-konformità tal-intrapriżi mal-prinċipji tas-CSR;
2. Iqis li nuqqas ta' konformità mal-istandards soċjali internazzjonali bażiċi huwa forma ta' dumping soċjali u ambjentali għad-detriment tal-intrapriżi u l-ħaddiema Ewropej;
3. Iqis bħala neċessarju li jissaħħaħ ir-rwol tal-istituzzjonijiet internazzjonali rilevanti (partikolarment l-ILO, id-WTO, l-OECD u n-Nazzjonijiet Uniti) u titfittex il-kooperazzjoni tagħhom fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-promozzjoni ta' standards soċjali internazzjonali bażiċi u s-sanzjonijiet korrispondenti;
4. Jistieden lill-Kummissjoni ddaħħal, b'mod sistematiku, kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli li jkun fih klawsola vinkolanti dwar is-CSR fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u ta' investiment li tinnegozja ma' pajjiżi terzi;
5. Jipproponi li din il-klawsola tas-CSR għandha tkopri l-konformità mat-tmien konvenzjonijiet tal-qofol u mal-erba' konvenzjonijiet prijoritarji tal-ILO u tippovdi wkoll inċentivi għall-intrapriżi biex jidħlu f'impenji tas-CSR u obbligu ta' diliġenza għall-intrapriżi u l-gruppi tal-intrapriżi, jiġifieri obbligu li jieħdu miżuri proattivi biex jidentifikaw u jevitaw kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet ambjentali,

korruzzjoni jew evażjoni tat-taxxi, inklużi fis-sussidjarji u fil-katina tal-provvista tagħhom (jiġifieri fl-isfera ta' influwenza tagħhom);

6. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tadatta, fin-negozjati, il-livell tar-rekwiżiti tagħha għal-livell ta' żvilupp ta' kull pajjiż sieħeb; jipproponi, f'dan il-kuntest, li l-Kummissjoni tfassal lista ta' standards addizzjonali li għandhom jiġu introdotti b'mod gradwali u flessibbli, filwaqt li tqis is-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali tas-sieħeb ikkonċernat;
7. Tikkunsidra li, kemm fit-territorju tal-pajjiż sieħeb kif ukoll fl-Istati Membri, l-applikazzjoni ta' dawn l-istandards bażiċi għandha tkun sottoposta għal monitoraġġ kontinwu minn korpi indipendenti u li n-nuqqas ta' infurzar jew il-ksur tagħhom, stabbiliti skont kriterji definiti minn qabel, għandhom jiġu ssanzjonati permezz ta' proċeduri effikaċi u trasparenti;
8. Iqis li dawn l-istandards għandhom jiġu applikati bis-sħiħ u li la arranġamenti taż-żoni ħielsa u lanqas dawk tal-pajjiż ospitanti ma jistgħu jintużaw biex wieħed jaħrab minnhom;
9. Jenfasizza li, fid-dawl tad-daqs ta' sehemhom fil-kummerċ internazzjonali, il-kumpaniji Ewropej u s-sussidjarji u s-sottokuntratturi tagħhom jiżvolġu rwol fundamentali fil-promozzjoni u t-tixrid tal-istandards soċjali u tax-xogħol fid-dinja, u għaldaqstant għandhom jaġixxu b'konformità mal-valuri Ewropej u mal-istandards rikonoxxuti internazzjonalment; iqis li jkun tajjeb u f'loku li l-intrapriżi Ewropej li jmexxu l-produzzjoni tagħhom lejn pajjiżi b'obbligi soċjali anqas stretti jinżammu responsabbli, inkluż quddiem qrati Ewropej, għal kwalunkwe ħsara u esternalitajiet negattivi li jaffettwaw il-popolazzjonijiet lokali;
10. Jemmen li il-Kummissjoni għandha, fil-komunikazzjoni futura tagħha dwar l-internazzjonalizzazzjoni tal-attivitajiet tal-SMEs, tipproponi miżuri li jgħinu biex isostnu u jippromwovu l-inizjattivi tal-SMEs fil-qasam tas-CSR li jirrispettaw il-prinċipju ta' 'l-ewwel aħseb żgħir' u jqisu ċ-ċirkustanzi speċifiċi tagħhom.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	16.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 4 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Laima Liucija Andrikienė, Kader Arif, David Campbell Bannerman, Daniel Caspary, Christofer Fjellner, Metin Kazak, Bernd Lange, David Martin, Emilio Menéndez del Valle, Vital Moreira, Cristiana Muscardini, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Niccolò Rinaldi, Tokia Saïfi, Helmut Scholz, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Gianluca Susta, Keith Taylor, Iuliu Winkler, Pablo Zalba Bidegain, Paweł Zalewski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Bearder, George Sabin Cutaş, Syed Kamall, Elisabeth Köstinger, Miloslav Ransdorf, Michael Theurer

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	14.4.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 -: 11 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Edit Bauer, Heinz K. Becker, Mara Bizzotto, Philippe Boulland, Milan Cabrnock, David Casa, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Sergio Gaetano Coffferati, Marije Cornelissen, Tadeusz Cymański, Frédéric Daerden, Karima Delli, Proinsias De Rossa, Frank Engel, Sari Essayah, Richard Falbr, Ilda Figueiredo, Thomas Händel, Marian Harkin, Roger Helmer, Nadja Hirsch, Liisa Jaakonsaari, Ádám Kósa, Patrick Le Hyaric, Veronica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Öry, Siiri Oviir, Rovana Plumb, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Jutta Steinruck, Traian Ungureanu
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Tunne Kelam, Gesine Meissner, Ria Oomen-Ruijten, Csaba Sógor, Dirk Sterckx, Emilie Turunen, Cecilia Wikström